MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-8 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1390/2002

**Anthony sive Antonio Galea Demarco ammess ghall-beneficcju ta’ l-Ghajnuna Legali**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi t-twelid ta' l-attur gie registrat permezz ta' certifikat tat-twelid li ghandu numru ta' registrazzjoni 4414/1951 (Dok.A).

Illi c-certifikat tat-twelid tieghu numru ta' registrazzjoni 4414/1951 (Dok.A) jezistu diversi zbalji u dan fis-sens illi l-ewwel isem moghti lit-tarbija u l-isem li bih it-tarbija

kellha tigi msejjha gew erronjament indikati bhala "Antonio" mentri dan l-isem kellu jigi indikat bhala "Anthony" u dan kif jirrizulta mic-certifikat tal-Maghmudija tieghu (Dok.B) kif ukoll isem missieru gie kull darba erroneament indikat bhala "Anthony" mentri dan l-isem ried jigi indikat bhala "Antonio" u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid ta' missieru (Dok.C).

Illi l-istess attur talab li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tordna li l-att tat-twelid ta' l-attur, li jgib in-numru ta' registrazzjoni 4414/1951, jigi emendat billi fil-kolonna fejn hemm indikat "Ismijiet moghtijin", l-isem "Antonio" jigi sostitwit bil-kelma "Anthony"; fil-kolonna fejn hemm indikat "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha", l-isem "Antonio" jigi sostitwit bil-kelma "Anthony"; fil-kolonna "Isem u konjom: missier it-tarbija", l-isem "Anthony" jigi sostitwit bil-kelma "Antonio"; fl-istess kolonna, l-isem "Anthony" jigi wkoll sostitwit bil-kelma "Antonio".

Il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici w il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 sa 12 tal-process;

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tal-14 ta’ Jannar 2003 (fol 14).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tas-27 ta’ Frar 2003 a fol 20 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament l-isem ‘Anthony' u ‘Antonio' huwa l-istess isem b'lingwa differenti u ghaldaqstant ma tehtieg l-ebda korrezzjoni.

2. Illi fil-mertu, bla pregudizzju ghas-suespost l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid numru 4414 tas-sena 1951 mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol 20 sa 23 tal-process.

Rat il-verbal tal-llum it-8 ta' April 2003 fejn l-attur u d-difensur tieghu msejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr D'Alessandro ghad-Direttur Registru Pubbliku irrimettiet ruhha ghall-provi processwali u l-kawza giet deciza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid tal-attur li jgib in-numru 4414/1951 stante li l-istess attur qed jallega li fil-fatt hu kien dejjem maghruf bl-isem "Anthony" u mhux "Antonio" kif indikat fl-istess Certifikat. Illi dan jinsab ikkonfermat mic-Certifikat tal-Maghmudija ta' l-istess attur esebit bhala Dok 'B'. Qed tintalab ukoll korrezzjoni fl-istess certifikat fis-sens li isem missier l-attur kull darba gie erroneament indikat bhala "Anthony" mentri dan l-isem ried jigi indikat bhala "Antonio" u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid ta' missier l-attur stess (Dok.C).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u ghalhekk it-talba kif dedotta ghandha tigi milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu li jikkontrastaw mat-talbiet attrici, **tilqa' t-talba attrici** kif dedotta fic-citazzjoni, b'dan illi:

1. Tordna li l-att tat-twelid ta' l-attur, li jgib in-numru ta' registrazzjoni 4414/1951, jigi emendat billi fil-kolonna fejn hemm indikat "Ismijiet moghtijin", l-isem "Antonio" jigi sostitwit bil-kelma "Anthony"; fil-kolonna fejn hemm indikat "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha", l-isem "Antonio" jigi sostitwit bil-kelma "Anthony"; fil-kolonna "Isem u konjom: missier it-tarbija", l-isem "Anthony" jigi sostitwit bil-kelma "Antonio"; fl-istess kolonna, l-isem "Anthony" jigi wkoll sostitwit bil-kelma "Antonio".

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssopportati mill-istess attur, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------